MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2012

Numru. 186/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**OMISSIS;**
**MARTIN CACHIA ta' 53 sena, iben Michael u Josephine nee' Aquilina, imwieled Tal-Pieta' nhar id-29.03.1959, residenti f'Casa Martina, 238, Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 235859M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Martin Cachia** li gie akkuzat talli:

Nhar il-Hadd, 9 ta' Dicembru, 2007, f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki, jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew xjentement ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghall-qliegh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-Ligi ta' Malta, jew tahtha, u cioe' optical diskettes;

U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju, applika fuq oggetti jew fuq l-ippakkettjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma' trademark registrata;

U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju, biegh jew kera, offra jew espona ghall-bejgh jew kiri, jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma' trademark registrata;

U aktar talli b'hekk sar recidiv ai terminu tal-Artikolu 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati 3 ta' Frar, 2003; 3 ta' Ottubru, 2003; u 26 ta' Lulju, 2006, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

U aktar talli b'hekk kiser il-provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, meta kkommetta reat iehor wara li nghata zewg sentenzi fejn gie lliberat taht kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sitt xhur,

liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-2 ta’ Lulju, 2007;

U aktar talli b’hekk kiser il-provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta kkommetta reat iehor wara li nghata sentenza fejn gie lliberat taht kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sitt xhur, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fis-26 ta’ Novembru, 2007.

Rat li fi stadju ta’ interrogatorju fis-seduta ta’ nhar il-25 ta’ Gunju, 2010, l-imputat iddikkjara li ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, dwar liema l-imputat iddikkjara li ma kellux oggezzjoni.

Rat ukoll li fil-mori ta’ dawn il-proceduri, il-ko-imputat Stefan Cutajar ammetta l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu. Ghalhekk din id-decizjoni hija biss u unikament fir-rigward ta’ Martin Cachia (vide folio 86).

Rat il-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni, senjalament dawk li jikkoncernaw is-sejba tas-CDS god-dar ta’ l-imputat u wliedu, il-lista redatta ta’ l-istess. Rat ukoll li d-Difiza anke qablet f’verbal minnha maghmul, li kienet qieghda taqbel li l-prodotti kif jidhru fid-dokument AG15, AG16, AG17, u AG18 ma kinux konformi fil-kwalita’ u fl-apparenza mal-prodott originali, u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li jinhatar espert ghal dan l-iskop.

Illi rat ukoll is-sentenzi fil-konfront ta’ Martin Cachia (recidiva) ezebiti.

Rat li ghalhekk id-Difiza ma ressqet ebda provi taghha, stabbiliet bil-kontro ezami li kemm l-imputat Martin Cachia kif ukoll uliedu Stefan u Gilmore kienu jghixu fl-istess residenza fejn instabu l-oggetti mertu ta’ dawn l-akkuzi, u li taghhom refa’ r-responsabbilta’ Stefan Cachia.

Illi ebda prova ohra ma tressqet. Illi in vista’ ta’ hekk, din il-Qorti f’nuqqas ta’ provi ohrajn, m’ghandha ebda ghazla hlief li tillibera lill-imputat mill-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------